**ŻJARA TAL-AĦĦAR LIL MR SPEAKER MILL-KUMMISSARJU GĦOLI TAL-KENJA AKKREDITATA GĦAL MALTA**

L-Eċċellenza Tagħha Ann Belinda Nyikuli, Kummissarju Għoli tar-Repubblika tal-Kenja għal Malta, bdiet serje ta' laqgħat tal-aħħar f'Malta qabel ma l-inkarigu diplomatiku tagħha jasal fi tmiemu aktar tard dan ix-xahar. Illum wara nofsinhar, hija żaret lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati Michael Frendo, fl-uffiċċju tiegħu fil-Palazz, il-Belt Valletta.

Filwaqt li ferħet lill-Onorevoli Frendo tal-ħatra tiegħu bħala Speaker, il-Kummissarju tal-Kenja fakkritu kif ħames snin qabel kienet ippreżentatlu l-kredenzjali tagħha bħala l-ewwel Kummissarju ta' pajjiżha għal Malta meta huwa kien Ministru tal-Affarijiet Barranin. Hija stqarret li f'dawn l-ewwel snin minn mindu f'Novembru tas-sena 2004 Malta u l-Kenja kienu stabbilew relazzjonijiet diplomatiċi bejniethom, iż-żewġ pajjiżi rnexxielhom joqorbu aktar lejn xulxin, u tieħu pjaċir tara li hemm rieda fuq iż-żewġ naħat biex ikomplu jagħmlu dan għall-ġejjieni.

Fit-tweġiba tiegħu, l-iSpeaker radd ħajr lill-Kummissarju Għoli għall-kontribut tagħha mhux biss bħala r-rappreżentanta ewlenija ta' pajjiżha akkreditata għal Malta, iżda wkoll bħala ħabiba kbira ta' pajjiżna. Il-Kenja u Malta huma t-tnejn membri tal-*Commonwealth* u, f'dan il-forum, kien hemm kollaborazzjoni bejniethom sa minn qabel. Meta ftit xhur wara li Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea, intisġu r-rabtiet diplomatiċi mal-Kenja, ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi tjiebu. Fid-dawl tal-fatt li l-Unjoni qiegħda tifhem dejjem aħjar il-potenzjal li jsawwar il-Kontinent Afrikan għall-Ewropa, il-kontribut li tista' tagħti Malta f'dan il-qasam permezz ta' kuntatti eqreb mal-Kenja huwa bla dubju aktar sinjifikanti.

Il-Kummissarju Nyikuli, fi tmiem il-laqgħa mal-Onorevoli Frendo, sostniet li meta tmur lura pajjiżha, se tkompli taħdem minn Nairobi sabiex tara li jkun hemm aktar skambji anki fuq livell parlamentari ma' Malta. Dan jgħin sabiex ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi jitkattru u jitjiebu.

**DOI – 10.05.2010**